**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 3 ta' Frar, 2020**

**Talba Nru: 284/2019 PM**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Bonnici Cassandra Maria Theresa (496186(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-tlieta (3) t' Ottubru, 2019 illi l-konvenuta ghandha taghti lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn mija u tnax-il euro u erbgha u hamsin centezmi (€2112.54) in kwantu ghal elf u erbgha u tletin euro u wiehed u sittin centezmi (€1034.61) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40682811 u elf u sebgha u sebghin euro u tlieta u disghin centezmi (€1077.93) in konnessjoni ma' servizzi migbura fil-kont bin-numru 40662163 liema somom il- konvenuta baqghet ma hallsitx minkejja li giet debitament interpellata, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni ma-ittri ufficjali bir-referenzi 2869/17 u 3356/17, u bl-imghaxijiet legali.

Illi l-konvenuta giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tat-30 ta' Jannar, 2020 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba u l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tas-socjeta` attrici fis-seduta tat-30 ta’ Jannar, 2020 u fil-fatt il-konvenuta ma dehritx sabiex tirrispondi ghalih.

Sema’ x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici li kkonfermat id-dokumenti annessi mal-avviz u l-ammont hemmhekk mitlub bhala dovut mill-konvenuta.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra. Inoltre l-ammont mitlub jirrizulta dovut anke tramite x-xhieda tar-rapprezentanti tas-socjeta` attrici. In linea ma’ dak deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet ‘**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**’ fis-17 ta’ Frar, 2003 (fost ohrajn) l-imghaxijiet fuq is-sorte jiddekorru min-notifika ta` l-avviz lill-konvenuta stante li mill-provi prodotti rrizulta li din kienet l-ewwel interpellazzjoni gudizzjarja ghall-hlas tas-somma mutluba li giet notifikata lilha fid-29 ta’ Novembru, 2019.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici is-somma mitluba ta’ elfejn mija u tnax-il euro u erbgha u hamsin centezmi (€2112.54) in kwantu ghal elf u erbgha u tletin euro u wiehed u sittin centezmi (€1034.61) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru 40682811 u elf u sebgha u sebghin euro u tlieta u disghin centezmi (€1077.93) in konnessjoni ma’ servizzi migbura fil-kont bin-numru 40662163, bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk in konnessjoni ma-ittri ufficjali bir-referenzi 2869/17 u 3356/17, u bl-imghaxijiet legali sa mid-29 ta’ Novembru, 2019 kontra l-istess konvenuta.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**